TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 31/15/GB

**Nadia Cassar**

**vs**

**La Poupee'**

Illum 15 ta' April 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija erbgha u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmi (€144.95), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal libsa li nxtrat minghand l-intimat, liema libsa kienet difettuza.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat libsa ta' l-okkazzjoni minghand l-intimat. Tal-hanut kienet urietha l-ilbiesi hi wahda wahda u spjegatilha d-dettal taghhom. Ir-rikorrenti ghandha problema ta' vista u ghaldaqstant hija apprezzat dan il-gest. Tal-hanut kienet dahlet il-libsa fil-'fitting room' u ghinitha tilbisha. Il-libsa kienet ghogbitha u ghalhekk ir-rikorrenti kienet xtratha. Tal-hanut kienet qaltilha li din il-libsa kienet ghadha kemm tasal dik il-gimgha, pero' ma semmietx li kienet ta' materjal inferjuri u li tigi rvinata meta tintlibes.

Wara li r-rikorrenti libset il-libsa f'tieg, u nehhietha, sabet li d-drapp kien gie bocci bocci u l-libsa ma baqghetx prezentabbli biex terga' tintlibes. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienet hadet il-libsa lura, izda tal-hanut mill-ewwel irrifjutat li tghinha. L-istess persuna li kien hemm fil-hanut

qaltilha li dik seta' gralha hekk jekk ir-rikorrenti poggiet fuq xi sufan u li ma kienitx ser taccettaha lura.

Ir-rikorrenti ma tippretendix li libsa ta' mija erbgha u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmi (€144.95) ghandha tintlibes darba biss u mbaghad tintrema ghaliex ma tibqax prezentabbli ghal quddiem in-nies. Ir-rikorrenti talbet li tikkuntattja l-agent, pero' tal-hanut irrifjutat u lanqas riedet taghti d-dettalji lir-rikorrenti sabiex tikkuntattja l-agent hija stess.

**L-intimat issottometta bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet marret il-hanut sabiex tixtri libsa. Wara li ghaddietilha l-okkazzjoni u libset il-libsa, ir-rikorrenti kienet marret lura l-hanut biex turih li l-libsa kienet kollha bocci bocci. L-intimat mill-ewwel induna li dan kien gara minhabba tigbid b'xi brazzuletta jew xi haga li taqbad mal-materjal u fuq wara tal-libsa ghax hakkitha ma' xi haga li taqbad il-materjal.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li ġiet immarkata bhala Dok.NC1.

Ir-rikorrenti ezebiet il-libsa in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi huwa inaccettabbli illi kwalunkwe xorta mixtrija, tintuza (jew f'dan il-kaz, tintlibes) mill-konsumatur ghal darba wahda biss, wara liema ma tibqax tal-kwalita' pattwita. It-Tribunal, wara li ra l-libsa in kwistjoni huwa konvint min-natura inferjuri tal-materjal ta' l-istess, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lir-rikorrenti tirritorna l-libsa in kwistjoni lill-intimat, filwaqt li jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mija erbgha u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmi (€144.95) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**